

# Applika għall-Premjijiet dwar il-Qsim u l-Użu mill-Ġdid (Sharing and Reuse Awards)!

## Konkors għall-amministrazzjonijiet pubbliċi

Fit-8 ta' Lulju, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-konkors tal-Premjijiet dwar il-Qsim u l-Użu mill-Ġdid sabiex tippremja amministrazzjonijiet pubbliċi li żviluppaw u qasmu soluzzjonijiet tal-IT b'suċċess b'potenzjal għall-użu mill-ġdid usa'.

Il-premjijiet għall-ewwel u t-tieni post ta' **€15,000** u **€10,000** rispettivament ser jingħataw lit-timijiet rebbieħa f'kull waħda mill-erba' kategoriji li ġejjin:

- Każ ta' kollaborazzjoni b'suċċess għall-iżvilupp u l-għoti ta' soluzzjonijiet komuni tal-IT fil-livell **transkonfinali**
- Każ ta' kollaborazzjoni b'suċċess għall-iżvilupp u l-għoti ta' soluzzjonijiet komuni tal-IT fil-livell **nazzjonali**
- Każ ta' kollaborazzjoni b'suċċess għall-iżvilupp u l-għoti ta' soluzzjonijiet komuni tal-IT fil-livell **reġjonali**
- Każ ta' kollaborazzjoni b'suċċess għall-iżvilupp u l-għoti ta' soluzzjonijiet komuni tal-IT fil-livell **lokali**

Is-soluzzjonijiet ippreżentati se jrin jiġu vvalutati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni li jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE. Għaldaqstant, is-soluzzjonijiet żviluppatti mill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill Ewropew huma esklużi mill-kompetizzjoni.

Il-konkors huwa ffinanzjat mill-programm ta' Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA<sup>2</sup>) tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-azzjoni tagħha "Qsim u Użu mill-Ġdid".

"Dan il-premjju ser jiffoka l-attenzjoni fuq l-aqwa proġetti dwar l-użu mill-ġdid u nittamaw li l-flus tal-premjju ser jgħinu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi rebbieħa sabiex jespandu l-ilħuq tal-proġetti tagħhom," tgħid Margarida Abecasis, inkarigata mill-[programm ISA<sup>2</sup>](#).

## Għaliex huwa importanti li taqsam u tuża mill-ġdid is-soluzzjonijiet tal-IT?

L-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet tal-IT ta' kwalità għolja jippermetti lill-amministrazzjonijiet pubbliċi sabiex jipprovdu servizzi aħjar, aktar kost-effikaċi u aktar veloċi lil ċittadini u negozji fl-Ewropa. Soluzzjonijiet bħal dawn jistgħu jintużaw malajr fis-settur pubbliku, fejn inaqqsu l-ħin u l-ispiża tal-implimentazzjoni u l-manteniment.

Fl-istess ħin, il-kollaborazzjoni dwar soluzzjonijiet komuni tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Permezz tal-iżvilupp ta' standards komuni u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet tal-IT ta' xulxin, l-amministrazzjonijiet pubbliċi jtejjbu wkoll l-interoperabbiltà tagħhom, jiġifieri l-ħila sabiex jiskambjaw l-informazzjoni u jifhmu d-dejta skambjata. Fl-aħħar, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet mill-ġdid tal-IT jistgħu jżidu l-kompetizzjoni minħabba li jippermettu lil aktar intrapriżi sabiex jipprovdu servizzi tal-IT lill-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Ħafna soluzzjonijiet tal-IT li jistgħu jerġgħu jintużaw diġà huma disponibbli fuq il-[Joinup platform](#) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-sit jaħdem bħala repożitorju għall-għodod u s-servizzi żviluppatti minn pajjiżi tal-UE u l-istituzzjonijiet Ewropej.

## Is-soluzzjoni tiegħek hija eliġibbli sabiex tipparteċipa?

Sabiex tkun eliġibbli għal parteċipazzjoni fil-konkors tal-Premijiet tal-Qsim u l-Użu mill-Ġdid, is-soluzzjoni tiegħek jeħtieġ li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- Tkun ġiet żviluppata minn jew għal **amministrazzjoni(jiet) pubbliċi** minn [Stat Membru tal-UE jew pajjiż tal-EFTA](#)
- **Intużat mill-ġdid** minn amministrazzjonijiet pubbliċi oħrajn
- Hija jew **softwer** ta' sors miftuħ jew **servizz** kondiviż
- Id-deskrizzjoni tagħha hija ppubblikata fuq **Joinup**. (Jekk is-soluzzjoni tiegħek għadha mhijiex fuq Joinup, it-tim ta' Joinup se jgħid jikkuntattjak biex jgħinek tippubblikaha wara li tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek għall-kuntest).
- Id-deskrizzjoni tagħha hija pprovduta bl-**Ingliż**

Jekk is-soluzzjoni tkun ġiet ko-żviluppata minn entità privata f'isem l-amministrazzjoni pubblika, il-premjju ser jingħata lill-amministrazzjoni pubblika kkonċernata.

## Kriterji ta' evalwazzjoni

Is-soluzzjonijiet li jieħdu sehem fil-konkors se jrin jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. **Disinn tas-soluzzjoni:** Fuq liema teknoloġiji hija bbażata? X'inhi l-arkitettura tas-soluzzjoni? Hija skalabbli u tista' tiġi estiża? Din terġa' tuża servizzi oħrajn / soluzzjonijiet ta' softwer jew standards / speċifikazzjonijiet miftuħa? Liema mudell tal-liċenzjar jintuża?
2. **Governanza tas-soluzzjoni:** Liema organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet u pajjiżi huma involuti fil-proċess ta' governanza tas-soluzzjoni? Kif inhuma ffinanzjati l-iżvilupp u l-għoti tas-soluzzjoni?
3. **Impatt/riżultati:** Is-soluzzjoni tiegħek kif ser tgħin lill-amministrazzjonijiet pubbliċi? X'benefiċċji ser iġġib is-soluzzjoni tiegħek lill-partijiet ikkonċernati u l-utenti tagħha? X'inhi l-ispiża / x'inhu l-benefiċċju?
4. **Il-firxa tal-użu mill-ġdid:** Kemm-il amministrazzjoni tuża din is-soluzzjoni u kemm jużawha? Hemm pjanijiet konkreti għall-użu mill-ġdid fil-futur? Kemm hi faċli sabiex is-soluzzjoni tiegħek tkun implimentata f'kuntest differenti minn dak li fiha kienet żviluppata fil-bidu?
5. **Sostenibbiltà:** Kif inhi ggarantita s-sostenibbiltà tas-soluzzjoni tiegħek? Jista' jiġi pprovdut appoġġ kontinwu? Is-soluzzjoni ser tiġi mantnuta aktar?

## Kif għandek tirreġistra għall-konkors?

Sabiex tirreġistra soluzzjoni għall-konkors, persuna waħda (persuna ta' kuntatt) mill-amministrazzjoni pubblika li żviluppat is-soluzzjoni jew li għaliha ġiet żviluppata s-soluzzjoni għandha timla l-[formola tar-reġistrazzjoni](#). Jekk jogħġbok kun af li l-applikazzjoni, kwalunkwe dokument ta' appoġġ u kwalunkwe deskrizzjoni tas-soluzzjoni għandhom jiġu pprovduti bl-**Ingliż**. Madankollu, is-soluzzjoni nnifisha tista' ma tkunx bl-**Ingliż**.

Id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija t-**28 ta' Ottubru 2016**.

Il-Kummissjoni se jra tinforma lir-rebbieħa permezz ta' email fit-tmiem ta' Jannar/bidu ta' Frar 2017 u ser tistedinhom għall-Konferenza dwar il-Qsim u l-Użu mill-Ġdid (Sharing and reuse Conferenece) li hi pplanata li ssir f'Marzu 2017. It-tħabbira pubblika uffiċjali u ċ-ċeremonja tal-għoti tal-premijiet se jrin isiru waqt il-konferenza.

## **Aktar informazzjoni dwar il-konkors**

[Paġna tal-konkors fuq il-pjattaforma Joinup](#)

[Mistogsijiet Frekwenti \(FAQ\) dwar il-Premijiet dwar il-Qsim u l-Użu mill-Ġdid](#)

## **Ikkuntattja**

[DIGIT-SR-AWARDS@ec.europa.eu](mailto:DIGIT-SR-AWARDS@ec.europa.eu)